# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 25 ta’ Mejju, 2001.**

**Numru 16**

**Citaz. numru 1356/93 NA**

**Onorevoli Perit Charles Buhagiar**

**vs**

**Ray Bugeja fil-kwalita’ tieghu ta’ editur u stampatur tal-gurnal “The Malta Indipendent”.**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-attur ipproceda kontra l-konvenut b’dan l-att ta’ citazzjoni :-

> “Peress li l-konvenut bhala edtur u stampatur tal-gurnal “The Malta Independant” fil-harga tal-24 ta’ Ottubru 1993 fl-ewwel pagna f’kitba intitolata “Parliamentary vote defeat annoys members of Parliament” u “Labour opposition contemplating withdrawing from pairing accord” kien responsabbli ghall-pubblikazzjoni ta’ fatti mhux veritieri fil-konfront tal-attur, liema fatt jarrekawlu dawn, jikkagunawlu hsara u iwnaqqsulu l-gieh tieghu, kif jigi ppruvat fil-kawza ; u peress illi l-konvenut fil-kwalitajiet tieghu premessi huma possibbli ghall-azzjoni ta’ danni skond il-ligi tal-istampa.

Tghid il-konvenut fil-kwalitajiet tieghu premessi ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tiddikjara li partijiet mill-kitba li giet ippubblikata fil-harga tal-24 ta' Ottubru 1993 ta' "The Malta Independent" (Dok. A) fl-ewwel pagna taht it-titolu "Parliamentary vote defeat annoys members of Parliament" u "Labour opposition contemplating withdrawing from pairing accord" jikkontjeni allegazzjonijiet ta' fatti fil-konfront tal-attur li ma humiex veritieri u jikkagunaw malafama ghall-atturi u jarrekawlu dannu, u ghaliex ma ghandhiex tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dak l-ammont ta' danni li l-Qorti tillikwida skond il-provvedimenti tal-ligi tal-istampa u tikkundanna lill-konvenut jipprattik fl-istess pominenza d-decizjoni tal-Qorti, wara li jigi dikjarat li l-konvenut fil-kwalitajiet tieghu premessi huma responsabbli ghal danni msemmija. Bl-istharrig kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut fil-kwalita' tieghu kif citat eccepixxa ghat-talbiet attrici illi dawn kienu infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi bil-kitba in kwistjoni ma kien hemm xejn li kien malafamanti. Inoltre eccepixxa illi persuni li huma fil-kamp politiku ghandhom dritt ghall-harsien tal-ligi izda mhux fejn il-kitba ma tkunx tat malafama lill-attur. Id-dritt ta' informazzjoni ghandu certu valur li jrid jigi rispettat u m'ghandux jigi mxekkel minn persuni li jaghmlu l-ahbar, aktar u aktar meta dawn ikunu figuri pubblici.

**DECIDE**

B'sentenza tad-19 ta' Jannar 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici, ddikjarat li l-artikolu in kwistjoni ma kienx ibbazat fuq fatti korretti u ghalhekk immalafama lill-istess attur u kkrejalu danni. Ikkundannat lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn u hamsin lira kif provdut fl-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-

Ligijiet ta' Malta u ordnat li sintesi ta' dik is-sentenza, partikolarment dik il-parti li tikkorregi l-fatti inezatti, kellha tigi pubblikata mill-konvenut fil-harga li jmiss tal-istess gazzetta rapprezentata mill-konvenut u tinghata l-istess prominenza li nghata l-artikolu in kwistjoni. L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenut.

**<u>MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA</u>**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "**<u>IL-PROVI TAL-ATTUR</u>**
>
> Fis-seuta tal-15 ta' Frar 1994, il-konvenut Ray Bugeja ddikjara li hu kien l-editur tal-gurnal in kwistjoni fid-daa tal-artikolu.
>
> F'din is-seduta xehed ukoll l-attur dwar l-ilmenti tieghu :-
>
>> "Jiena qed nigi muri kopja tal-gurnal tal-24 ta' Ottubru 1993, u nghid li f'dan il-gurnal f'din id-data, fil-pagna ta' quddiem, jidher artikolu b'ittri kbar "Labour opposition contemplationg withdrawing from pairing" b'daqsxejn ittri zghar, "Parliamentary vote defeat annoys members of Parliament".
>>
>> F'dan l-artikolu gie allegat, li jiena ma attendejtx ghal din is-seduta fil-Parlament, kif ukoll saru diversi allegazzjonijiet ohra li huma totalment infondati fl-opinjoni tieghi.
>>
>> Partikolarment nghid, li l-parti fejn tghid li jiena ma stajtx ninstab fuq il-mobile tieghi, ma hijiex vera, ghax jiena qatt ma kelli mobile phone.
>>
>> Hemm indikazzjoni wkoll fl-opinjoni tieghi, fir-raba' paragrafu tal-artikolu, li jiena f'dik il-gurnata ma kontx Malta.
>> Effettivament jiena kont Malta.
>>
>> L-ewwelnett nixtieq nghid, li jiena ma attendejtx dakinhar, minhabba ragunijiet personali, ghax kelli mewt fil-familja.

> Kuntrarjament pero', ghal dak li nghid l-artikolu, jiena fis-7:30 ta' filghaxija, cempilt lill-party whip, lis-sur Joe Mizzi u infurmajtu bic-cirkostanzi tieghi, u l-ghala ma stajtx nattendi.
>
> Ukoll kuntrarjament ghal dak li jinghad fl-artikolu,l-kaz tieghi, ma giex imqajjem fil-group parlamentari, u lanqas ma gie mqajjem fl-ezekuttiv tal-partit."

U aktar tard fl-istess seduta :

> "Wara li deher dana l-artikolu peress li dana kien vot, li fl-opinjoni tal-partitarji tieghi, kien vot importanti, nerga' nghid wara li deher dan l-artikolu, r-reazzjoni taghhom kienet wahda pjuttost ta' rabja, specjalment meta hasbu li jiena ma kontx attendejt ghal xi raguni frivola.
>
> Ghal daqshekk, nghid li dan l-artikolu lili ghamilli dannu politiku".

In sostenn tat-tezi tieghu ressaq ukoll lis-sur Joe Mizzi; - il-whip tal-Parliamentary Group Laburista.

> "Jiena l-whip tal-Parliamentary Group Laburista.
>
> Jiena bhala whip ghandi r-responsabbilita' li nezenta lill-membri Parlamentari tal-Partit tieghi, milli jattendu xi seduta tal-parlament.
>
> Niftakar illi fil-kaz in kwistjoni, l-Onorevoli Buhagiar kien cempilli, tlabtu r-ragunijiet, u kienux dawn serji bizzejjed, u meta fil-fatt tahomli, jiena ezentajtu".

**<u>L-ARTIKOLU</u>**

Il-kitba intitolata ma taghmel ebda referenza ghal Onorevoli Buhagiar.
L-artikolu, infatti jittratta tlett suggetti principali li tnejn minnhom jinteressaq lill-attur biss marginalment. Dawn huma l-mozzjoni tal-vot ta' l-isfiducja lis-Segretarju Parlamentari Ninu Zammit u xi nuqqas ta' qbil fil-kamp tal-opposizzjoni Laburista dwar il-'pairing arrangement'.

In konnessjoni ma' dan pero' l-ewwel parti tal-artikolu tirrigwarda principament lill-attur u jiswa li jigi kkwotat.

> "The Labour Party's spokesman on the environment whose absence from Parliament last week saved the Government from a political embarrassment, is likelu to be in the firing line when the MLP Parliamentary Group tomorrow discusses the possibbility of withdrawing from the pairing agreement with the Government.
>
> A number of Labour MPs were disturbed by the fact that Charles Buhagiar could not be traced – even his mobile phone was not in a position to respond – when the Opposition forced a vote on an emergency motion last Wednesday to adjourn the debate on the financial estimates of Enemalta Corporation.
>
> Sources say some MPs have approached party leader Dr. Alfred Sant insisting that this case should be discussed at the next Parliamentary Group meeting (tomorrow) and that Mr. Buhagiar should appear before the executive committee at its first meeting.
>
> Labour MPs are known to have specific instructions not to leave the island without informing the party whip, Joe Mizzi, and are also instructed to let him know of their local whereabouts when absent from Parliament.
>
> Had Mr. Buhagiar been present for the vote, the motion would have been carried by one".

**<u>PROVI TAL-KONVENUT</u>**

Fis-seduta tat-8 ta' Awissu 1994, il-konvenut ressaq lill-Onorevoli Carm Lino Spiteri, l-whip tal-Partit Nazzjonalista bhala xhud tieghu.

> "Is-seduta hija dik tal-20 ta' Ottubru 1993. Jiena nikkonferma li qabel dina s-seduta kien hemm arrangament ta' 'pairing' bejn iz-zewg partiti, pero' ghal dik is-seduta in partikolari l-Kap tal-Opposizzjoni kien iddikjara li dan l-arrangament ma kellux isehh.
> Qeghda tigi maghmulha lili riferenza ghal pagni 186 u 195 u partikolarment ghal dawk il-paragrafi li huma indikati bil-linka. Ma niftakarx li dan il-kliem kien dak li qal il-Kap tal-Opposizzjoni kelma b'kelma, pero' l-gist ta' dak li qal huwa dak li qieghed jigi lili muri."

Huwa ttella' wkoll bhala xhud tieghu lill-attur biex jaghmillu l-kontro-ezami. Dan iddikjara li ma kienx jaf fuq is-sospensjoni tal-pairing ghax ma kienx prezenti.

Imbaghad hekk izid jghid fuq il-kaz tieghu :-

> "Jiena dakinhar partikolari fis-7:30 ta' filghaxija, cempilt lill-Party Whip tal-Partit taghna, infurmajtu r-ragunijiet ghaliex jiena ma stajtx nattendi, staqsejtu kienx hemm bzonn il-presenza tieghi u huwa qalli, li l-prezenza tieghi ma kienitx necessarja.
>
> Nghid ukoll li kieku kellhom bzonni, n-numri tat-telefon fejn setghu isibuni l-party whip, dana huwa ghandu. Peress li ghandu n-numri tieghi kollha, jiena ma deherlix li kelli inhallilu xi numru partikolari.
>
> Zgur li ma kienx il-kaz, li jiena tajtu xi telefon ta' xi mobile phone, ta' xi persuna li kont maghhom, ghax jiena kont assenti mill-parlament minhabba mewt fil-familja, kont ma' membri tal-familja,li hadd minnhom ma ghandu mobile phone."

U aktar tard :

> "Dwar policy in generali, kull ma nista' nghid hi li meta l-assenza ta' xi membru ma tkunx gustifikata, l-administration through il-party whip tiehu decizjonijiet li jidhrilha xierqa skond il-kaz.
>
> Jiena fil-kaz tal-assenza tieghi, ma kelli naghti gustifikazzjoni lil hadd, ghax kif diga' ghedt dina l-assenza tighi, kienet gustifikata u kont diga' spjegajtha qabel, u kienet miftehma mal-whip tal-partit."

U finalment :

> "Jiena kont prezenti fil-laqgha tal-Parliamentary Group li saret wara din is-seduta tal-Parlament u nista' nghid li waqt li kont prezenti jien, il-kaz tieghi ma gie diskuss bl-ebda mod."

Il-Qorti thoss li ghandu jinghad minn issa,li jidher li skond id-dokument li gie esebit mill-istess konvenut li bhala fatt, l-arrangament ta' 'pairing' kien gie sospiz ghal din is-seduta.

> "ONOR ALFRED SANT : Sur President, la qed taghmel hekk se naghmilha cara minn issa li l-arrangament tal-

> pairing bejn iz-zewg nahat huwa sospiz fuq din il-mozzjoni. Qed nghid dan biex inkunu cari.” (pagna 186 tad-Dibattitu tal-Parlament.

Dan il-fatt jirrizulta wkoll mir-ruling ta’ l-Ispeaker fejn iddikjara li hu ma setax jimponi l-arrangament tal-pairing.

Jinghad ukoll, pero’, li bhala fatt gie wkoll pruvat li l-attur kellu raguni ghaliex ma attendiex ghal din is-seduta, l-party whip kien jaf b’din ir-raguni u ezentah u li seta’ sabu kieku kellu bzonni. Inoltre ma jirrizultax li l-kaz tieghu gie diskuss fil-Group Parlamentari Laburista.

Incidentalment jinghad ukoll (ghax il-Qorti taghti anqas importanza lil dan il-fatt) li l-attur m’ghandux mobile phone.

Konsegwenza ta’ dan, logikament il-Qorti trid ta’ bilfors tirrimarka li l-artikolu fil-konfront tal-attur, huwa bbazat fuq fatti li fil-maggor parti taghhom ma humiex korretti.

**<u>IL-LIGI</u>**

Kif gia intqal il-ligi taghna fuq din il-materja, hija regolata bl-Att Dwar l-Istampa Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema ligi tipprovdi sew ghal azzjoni kriminalis ew ghal dik civili.

Fir-rigward tal-azzjoni civili hekk jipprovdi l-artikolu 28 ta’ din il-ligi.

Is-sub artikolu (1) :

> “Fil-kaz ta’ malafama b’xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta’ dan l-Att,li l-ghan taghha tkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta’ xi persuna, l-Qorti Civili kompetenti tista; minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh dak iz-zmien, dwar telf jew hsara attwali, taghti lil persuna offiza somma ta’ mhux izjed minn elfejn lira”.

In vizta, pero’, partikolarment ta’ gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell taghna u tad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea, din il-protezzjoni fil-konfront tal-individwu hija soggetta ghal liberta’ ta’ espressjoni li jipprovdi ghaliha sew l-artikolu 41 mill-Kostituzzjoni ta’ Malta, sew l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni li kif diga’ intqal, illum hija parti integrali mil-Ligijiet taghna fil-kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hekk jipprovdi fis-subartikolu (1) :

> "Hlief bil-kunsens tieghu stess jew bhala dixxiplina tal-genituri hadd ma ghandu jigi imfixkel fit-tgawdija tal-liberta' tieghi ta' impressjoni, mghaduda liberta' li jkollu fehmiet minghajr indhil, liberta' li jircievi idejat u tgharif minghajr indhil, liberta' li jikkomunika idejat u taghrif minghajr indhil, (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in generali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u liberta min indhil dwar il-korrispondenza tieghu."

Izda mbaghad pero', s-subartikolu (2) hekk jipprovdi :

> "Ebda haga li hemm fil jew maghmula skond l-awtorita' ta' xi ligi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu sa fejn din il-ligi taghmel provvediment –
>
> (a) jekk ikun mehtieg ragonevolment –
>
> (i) omissis ;
>
> (ii) sabiex jigu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni ohra jew il-hajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proceduri legali, jigi evitat il-kxif ta' taghrif ricevut sigriet, tigi mizmuma l-awtorita' u l-indipendenza tal-Qrati, jigu protetti l-privileggi tal-Parlament jew jigu regolati t-telefonu, t-telegrafu, posta, xandir bil-wireless, it-television jew mezzi ohra ta' komunikazzjoni, esibizzjonijiet pubblici jew divertimenti pubblici".

L-artikolu 10 tal-Kapitoli 319 hekk jipprovdi :

> (1) Kulhadd ghandu dritt ghal-liberta' ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta' li jkollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorita' pubblika u minghajr ma jittiehed kont ta' fruntieri. Dan l-artikolu ma ghandu jimpedixxi stti milli jehtiegu licenzji ghax-xandir, televizjoni jew imprizi cinematografici.
>
> (2) L-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet illi jgib mieghu dmirijiet u responsabbilitajiet jista' jkun soggett ghal dawk il-formalitajiet kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta' demokratika, fl-interess tas-sigurta' nazzjonali, integrita' territorjali jew sigurta' pubblika, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil tad-delitti, ghal protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, ghal

> protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor biex jigi evitat il-kxif ta' informazzjoni ricevuta b'sigriet, jew biex tigi mizmuma l-awtorita' u l-imparzjalita' tal-gudikatura."

Il-partijiet ghamlu n-noti tal-osservazzjonijiet.

Fin-nota tal-osservazzjonijiet maghmula mill-konvenut, ibbaza l-argumentazzjoni legali tieghu fuq il-gurisprudenza lokali u dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u kif tapplika dina l-liberta' ta' espressjoni partikolarment fil-konfront ta' personaggi politici u pubblici.

L-attur invece isostni li l-artikolu mhux espressjoni ta' opinjoni wara evalwazzjoni ta' fatti, f'kaz fejn il-fatti huma veru. Hawn invece jghid hu, hawn kaz fejn il-fatti gew storti.

Is-Sentenza tal-Qorti tal-Appell li fi zminijiet recenti ipprofondiet il-materja u ezaminat dan il-bilanc li ghandu jezisti bejn id-drittijiet tal-individwu u dawk tal-espressjoni libera, kienet dik ta' Anglu Fenech pro et noe vs Carmelo Callus et deciza fl-4 ta' Frar 1994.

Din is-sentenza tkopri wkoll il-kazijiet tal-Qorti Ewropea imsemmijin mill-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, hlief ghal dak il-kaz l-aktar recenti li l-Qorti pero' wara li ezamiatu ma jidhrilhiex li ghandu jeffettwa b'xi mod il-konkluzzjoni finali ta' din is-sentenza.
Isservi li xi siltiet saljenti minn din is-sentenza jigu kwotati, partikolarment fejn gew enuncjati certi principji fundamentali f'din il-materja in ezami.

"Il-posizzjoni tbiddlet fl-1987 ghaliex bl-Att XIV ta' dik is-sentenza illum Kap 319,partijiet sostanzjali tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani saru parti mill-ordinament Malti u allura llum dawn il-Qrati mhux biss iridu jiehdu l-konsiderazzjoni dak li hemm f'dawk l-artikoli tal-Konvenzjoni li gew inkorporati, izda wkoll il-<u>gurusprudenza</u> tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani ghaliex minn dik is-sena – 1987 – kull min ihossu aggravat mis-sentenzi ta' dawn il-Qrati ghar-rigward tad-drittijiet umani u libertajiet fundamentali recepiti f'dik il-ligi, ghandu eccess ghal dik il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani (pagna 6).

"Billi ma hemmx dubbju illi issa dik il-Qorti Ewropea tirritjeni illi ; - 'it is in no way the Court's task to take the place of the competent national courts but <u>rather to review under Article 10 the decisions they delivered in the exercise of their power of appreciation" (page 9).</u>

Din il-gurisprudenza li wessghet sensibbilment l-area tal-legittimita tad-dritt ta' espressjoni kif dik kienet delimitata mil-ligijiet u gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, specjalment ghal dawk li huma d-drittijiet ta' espressjoni permezz tal-Istampa (pag 10).

U f'pagna 11 il-Qorti tikkwota parti mill-Lingers case deciz fit-8 ta' Lulju 1986 :

"The limits of acceptable critisism are accordingly wider as regards a politician as much as regards a private individual. Unlike the latterm, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt article 10(2) enables the reputation of others – that is to say, of all individuals – to be protected, and this protection extends the politicians too, even when they are not acting in their private capacity, but in such cases the requirements of such protection have to be wieghed in relation to the interest of open discussion of political issues".

U aktar tard :

"Ma hemmx dubbju ghalhekk li hawnhekk qeghdin f'dik l-arena politika fejn id-dritt ta' espressjoni irid jigi ittollerat fi grad hafna aktar mis-soltu jew min normali".

"Malafama lil persuna guridika fil-kamp poltiku jew sindakali (attiva fil-kamp politiku) difatti biex tigi punti trid proprju tkun intollerabbili ghal socjeta' demokratika" (page 13).

U finalment u forsi l-aktar importanti :

"Il-Qorti fl-ahharnett ma tistax ma tosservax illi essenzjalment fl-artikolu hemm recita ta' fatti li l-verita' taghhom giet sostanzjalment stabbilita' mill-partijiet".

Il-Qorti jidhrilha li minkejja dan l-izvilupp storiku fid-dritt tal-espressjoni tal-istampa xorta ma jbiddilx l-istat guridiku li dina l-espressjoni tista' teccedi l-limiti, fejn allura d-dritt ta' privatezza tal-individwu, kuncett ukoll fundamentali fid-drittijiet tal-bniedem, ghandu jigi protett anke jekk ikun individwu li hu figura pubblika, u qed jagixxi fil-funzjoni pubbliku tieghu.

Il-linja medjana fejn proprju d-dritt ta' espressjoni libera teccedi dik ragonevoli u ghandha tigi punti ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprju fejn l-espressjoni hija bazata fuq fatti skorretti. F'dan il-kaz jonqos il-professjonizmu u l-

istharrig serju u minflok jidhol gurnalizmu ibbazat fuq allegazzjonijiet u ghajdut li ma jirrispettawx il-fatti.

Il-perikolu ta' dan huwa ovvju ghax il-qarrej f'kaz ta' gazzetta qed jigi ppresentat b'artikolu li min ghalih qed jelenka fatti dawk li ma humiex fatti, a kuntrarju tal-kaz fejn huwa ovvju li l-gurnalista qed jesprimi opinjoni soggettiva li l-qarrej, 'ben sapendo' li hija opinjoni jista' jasal ghall-konkluzzjoni konkreta tieghu dwar il-verita' o meno tal-fatti.

Applikati dawn il-principji generali ghal kaz in ezami ma hemmx dubju fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-qarrejja tal-artikolu in kwistjoni setghu facilment waslu ghall-konkluzzjoni li l-attur ma attendiex ghas-seduta in kwistjoni jew b'kapricc jew ghax kellu impenji ohra (per ezempju xoghol professjonali tieghu). Dan ma kienx minnu.

Ukoll m'hemmx dubbju li minhabba s-serjeta' tal-materja (almenu ghal grupp parlamentari li jifforma parti minnha l-attur) li dan seta' facilment ikkawzalu danni fil-karriera politiku tieghu minhabba dan l-agir tieghu li jirrizulta mhux korrett fattwalment.
Hu ghandu ghalhekk kull dritt jitlob li dina s-sitwazzjoni tigi ratifikati bis-sanzjonijiet tal-ligi.

Il-Qorti jidhrilha wkoll pero' li d-danni, kontra forsi f'kazijiet ohra, jistghu jigu in gran parti rimedjati billi l-fatti jigu korretti, u, ghalhekk, id-diskrezzjoni taghha skond l-artikolu 28(1) tal-Kapitolu 248 ghandha tigi ezercitat bi prudenza. U dan ukoll mehud in konsiderazzjoni l-fatt li l-istess attur huwa figura pubblika u ghalhekk ferm aktar soggett ghal lenti pubbliku minkejja li din il-lenti tista' tkun imtappna."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Il-konvenut appella minn din is-sentenza. L-aggravju tieghu hu bazat fuq is-sottomissjoni illi l-parti fl-artikolu li kienet tirrigwarda lill-attur kienet tikkontjeni fatti li kienu sostanzjalment korretti. Kien korrett il-fatt illi li kieku l-attur kien prezenti ghal vot li ttiehed fil-Kamra tar-Rapprezentanti il-mozzjoni kienet tigi approvata b'vot wiehed. Kien ukoll korrett il-fatt illi numru ta' membri parlamentari Laburisti kienu

pertubati bil-fatt li l-attur ma setax jigi rintraccjat meta l-Opposizzjoni ghajtet division fuq mozzjoni ta' emergenza l-Erbgha ta' qabel. Skond l-appellant li ma kienx korrett kien biss illi l-mobile phone tal-attur fil-mument meta ppruvaw jirrintraccjawh ma kienx f'posizzjoni li jirrispondi izda dak il-fatt ma kienx daqstant importanti li qatt seta' jwassal ghall-malafama.

L-ilment tal-appellant allura hu illi s-sentenza appellata tibbaza ruhha ghal kollox fuq assunzjoni fejn il-fatti kienu skorretti f'dak li nkiteb meta dan ma kienx il-kaz. Il-fatt hu li l-maggor parti tal-artikolu ma kienx jirigwarda lill-attur u fejn dan jissemma', dak li ntqal kien sostanzjalment korrett. Din il-Qorti ma taqbel assolutament xejn ma' din is-sottomissjoni u tqis li hu bizzejjed li taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet ezawrjenti li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata biex tillustra b'mod mill-aktar evidenti illi l-"isting of the libel" kien indubbjament johrog u jinhass proprju mill-fatti allegati fl-artikolu li gew ampjament provati li kienu inveritieri. Fatti li kienu fihom infushom malafamanti ghaliex jimplikaw b'mod l-aktar dirett nonkuranza gravi u addirittura abbandun tad-doveri minn membru tal-Kamra tar-Rapprezentanti, responsabbli qabel xejn ghall-elettorat elegieh u wkoll ghall-partit li minnu jifforma parti, li jirrazentaw l-irresponabbli. Difficilment wiehed jista' jimmagina akkuza iktar gravi lir-rapprezentant tal-poplu, li f'sitwazzjoni ta' kwazi parita' fil-Kamra tar-Rapprezentanti fejn mhux biss kull vot kien jiswa imma fejn il-maggoranza kienet

proprju ta' vot wiehed, il-membru jassentixxi ruhu kapriccozament bla ma jhalli ghall-inqas rikapitu fejn il-"whip" ta' partit seta' jikkuntatjah. Din hi l-irresponsabbilita' li giet imputata lill-attur, li kienet indubbjament malafamanti minnha nfisha u li l-unika difiza attendibbli ghaliha in materja ta' libell famuz kienet fuq kollox l-eccezzjoni tal-prova tal-verita' tal-fatti. Prova li l-konvenut naqas jaghmel sal-punt li l-ewwel Qorti gustament waslet ghall-konvinciment illi l-fatti li fuqhom gie msejjes l-artikolu in kwistjoni kienu fir-rigward tal-attur appellant sostanzjalment inveritieri.

Certament mhux minnu dak li jissottometti l-appellant illi l-uniku fatt li kien addirittura falz kien l-allegazzjoni illi l-attur ma setax jigi rintraccjat mill-"whip" tal-partit biex jigi nfurmat halli jmur jivvota u dana bl-insinwazzjoni illi l-istess attur halla l-mobile phone tieghu – li fil-verita' jirrizulta li lanqas kellu – f'posizzjoni li ma jistax jirrispondi imma wkoll kienet inveritiera ghal kollox l-allegazzjoni li kien hemm moviment qalb parlamentari tal-Partit Laburista biex il-kaz tal-attur jigi diskuss fil-laqgha tal-Parlamentary Group li kellha ssir 'l ghada u aktar u aktar li l-istess attur kien ser jigi mitlub li jidher quddiem il-Kumitat Ezekuttiv fl-ewwel laqgha. Allegazzjonijiet ta' fatt li jimputaw proceduri dixxiplinari fil-konfront tal-attur li kienu sempliciment invenzjonijiet ta' immaginazzjoni fertili li ma sabu l-ebda riskontru fil-provi, illi l-istess konvenut appellant fl-ebda mument ma ttanta jiggustifika u li kienu

indubbjament inaqsu l-istima tal-fama tal-attur f'ghajnejn ta' l-elettorat bi pregudizzju wkoll ghall-karriera politika tieghu.

Dawn ic-cirkostanzi kollha illi mill-atti jirrizulta li setghu jigu kwalifikati sempliciment bhala qlajjiet, huma imbaghad aggravati bil-prova li tirrizulta mill-atti illi l-attur kien effettivament ha kull prekwazzjoni mehtiega biex jassigura illi l-prezenza tieghu ghall-vot ma kienitx f'dawk ic-cirkostanzi daqshekk vitali, li kien infatti l-permezz tal-"whip" biex jassentixxi ruhu minhabba ragunijiet personali gravi u l-istess "whip" kien awtorizzah li hekk jaghmel. Dan kollu qed jinghad mhux biss biex jizmentixxi l-aggravju principali tal-appellant illi l-fatti li fuqhom gie msejjes l-artikolu kienu korretti imma wkoll biex jillustra ulterjorment dak illi waslet ghalih l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha meta kkonkludiet illi kienu jokkorru l-elementi kollha biex jiggustifikaw l-azzjoni tal-malafama u li l-appellant bl-ebda mod ma sostna validament l-eccezzjoni tal-verita' tal-fatti. Eccezzjoni li l-konvenut qatt ma ta formalment forsi proprju ghaliex irrejalizza kemm kien dghajjef il-kaz tieghu imma li kienet b'xi mod implikata fit-termini tal-eccezzjonijiet tieghu kif redatti. Lanqas hu minnu illi l-maggorparti tal-artikolu ma kienitx tirrigwarda lill-attur. Il-qari tal-artikolu kellu malajr jissodisfa l-qarrej illi t-tema principali tal-artikolu kienet proprju allegazzjoni tal-agir skorrett tal-attur li skond l-artikolista pprovoka bla bzonn inkonvenjent serju lill-partit fl-Opposizzjoni u imbarazzah sal-punt li kien ser jigi mitlub jaghti spjega tal-komportament tieghu.

L-innuendo cara fl-artikolu hi illi numru ta' membri ta' parlamentari Laburisti specjalment dawk li kienu jezercitaw professjoni ma kienux qed jaqblu mal-politika tal-partit taghhom li jkunu iebsin fir-rigward tal-ftehim tal-pairing fil-votazzjoni fil-Kamra tar-Rapprezentanti. "Since on occasions they can make more money to practicing their professional services". Imputazzjonijiet dawn li indubbjament setghu u kellhom jigu kwalifikati bhala malafamanti. Stabbilit dan, il-parti tejorika fl-aggravju tal-appellant bazata fuq enunzjazzjoni ta' principji li jirregolaw il-liberta' tal-istampa kif elaborata mis-sentenzi tal-Qorti Ewropeja, issir priva minn kull sinifikat u sustanza. Dana ghaliex filwaqt li elenku tal-kawzi maghmul mill-appellant hu indubbjament wiehed aggornat, is-sentenzi kollha minnu citati huma bbazati fuq il-premessa sine qua non illi l-fatti f'kull wiehed minn dawk il-kawzi esteri tal-libell kienu sostanzjalment korretti. Dana anke fejn il-kummenti dwar dawk il-fatti kienu mill-aktar atroci, jweggghu, azzardati u forsi wkoll ingustifikati. Hekk kien il-kaz ta' Lingens, illum citat bhala awtorita'. Hekk ukoll kien il-kaz Jersild. Il-kwotazzjonijiet citati fir-rikors tal-appell jillustraw proprju dan il-fatt illi jissottolineja l-korrettezza tal-esposizzjoni guridika maghmula b'mod mill-aktar estensiv fis-sentenza appellata.

Il-gurisprudenza ewropeja infatti m'abbandunatx il-massima sagramentali li l-fatti huma sagri u l-kummenti huma liberi. Jekk xejn illustrathom sal-punt illi tezigi biss illi l-fatti jkunu <u>sostanzjalment</u> veri filwaqt li estendiet u ghadha qed testendi l-parametri tal-limiti tal-

kumment specjalment fil-konfront ta' persuni fil-hajja pubblika u fuq materji ta' interess pubbliku anke lil hinn sewwa minn dak li kien qabel accettat bhala legittimu. Din il-gurisprudenza illum sabet eku fil-gurisprudenza Maltija u din il-Qorti bl-ebda mod ma trid tiftiehem li qeghda tirrestringiha jew tirripudjaha. Trid biss tafferma l-principju illi l-liberta' tal-istampa ma timplikax licenzja ghall-ingurja b'addebiti ta' fatti foloz intizi biex ihammgu l-fama u l-integrita' ta' haddiehor u pubblikati minghajr l-icken sforz ta' verifika.

Din il-Qorti m'ghandha assolutament xejn x'izzid ma' dak li qalet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-isfond guridiku li wassalha ghad-decizjoni korretta. Finalment f'sitwazzjoni simili indubbjament l-appellant ma jistax jippretendi illi seta' jezimi ruhu mir-responsabbilita' ghall-malafama minnu kommessa sempliciment billi jippretendi illi l-attur seta' dejjem kiteb lill-editur tal-gazzetta u jitlob li tigi pubblikata rettifika. Dan ir-rimedju, illi l-ligi wkoll tipprevedi, ma kien bl-ebda mod jissostitwixxi jew jaghmel tajjeb ghad-dritt li l-persuna malafamata kellha ghar-rizarciment tad-danni. Dan proprju ghaliex pajjiz demokratiku kien jixraqlu illi jkollu stampa hielsa imma stampa responsabbli li kienet obbligata wkoll illi, entro l-limiti stabbiliti, topera fir-rispett xieraq tal-persuni illi jattiraw l-attenzjoni taghha bhala oggett ta' kritika jew kumment. L-appell qed jigi allura michud.

Ghal dawn il-motivi, s-sentenza appellata qed tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg